MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tas-7 ta' April, 2009

Talba Numru. 713/2008

**J.C.R. Limited (C6029)**

**Vs**

**John Dacoutros & Sons Limited (C26992)**
**u skond il-verbal tal-5 ta' Dicembru 2008**
**jigi kjamat in kawza Dr Andrew Borg Cardona**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-19 ta' Settembru 2008, fejn intalab li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf seba` mija u tnejn u sittin Euro u disgha u disghin centezmu (€1762.99) ghar-ragunijiet imsemmija fl-Avviz imsemmi, bl-ispejjez u bl-imghax kummercjali.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex is-socjeta` konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u

b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta` konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tal-24 ta’ Marzu 2009, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ elf seba` mija u tnejn u sittin Euro u disgha u disghin centezmu (€1762.99), bl-imghax kummercjali kif mitlub fl-Avviz u bl-ispejjez ta’ dina l-istanza u dawk mitluba li ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------